# FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR. AUDREY DEMICOLI LL.D.

**Illum 18 ta' Marzu, 2021**

**Avviz Numru 14/2020**

**Malta Towage Limited**

**Vs**

**Hyrule Shipping and Trading Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-Socjeta' Attrici pprezentat fit-28 ta' Jannar, 2020 li permezz tieghu talbet lis-Socjeta' konvenuta tghid ghaliex m' ghandiex tkun ikkundannata minn din il-Qorti sabiex thallasha:

*"Is-somma ta' sitt elef u hames mitt euro (€6,500) rapprezentanti bilanc pendenti minnek fuq il-prezz ta' ankra u ktajjen mixtrija minnek u debitament kkunsinnati lilek mill-attur, u dan skond il-fattura mibghuta lilek, hawn annessa u mmarkata bhala "Dok. A".*

*Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-data tal-komprovendita relattiva sad-data tal-pagament effettiv, minn issa kontra tieghek ngunta in subizzjoni"*

Rat li s-socjeta' konvenuta debitament notifikata fid-9 ta' Marzu, 2020 baqghet ma dehritx quddiem din il-Qorti sabiex tikkontesta l-kawza u lanqas ma prezentat ebda risposta.

Rat illi fl-udjenza tas-7 ta' Jannar, 2021 is-Socjeta' konvenuta msejha diversi drabi ma dehritx u ghalhekk il-Qorti awtorizzat lis-socjeta' attrici, fuq talba taghha stess, sabiex tipprezenta kapitolu ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, liema Kapitolu gie pprezentat seduta stante u gie approvat mill-Qorti.

Rat illi fil-kapitoli ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta, is-socjeta' attrici talbet lis-socjeta' konvenuta tikkonferma li ghandha thallas l-ammont pretiz flimkien mal-ispejjez tal-kawza u l-imghaxxijiet legali.

Rat illi l-kawza thalliet ghas-subizzjoni tas-socjeta' konvenuta ghallum stess.

Rat illi fis-seduta tallum is-socjeta' konvenuta ma dehritx ghas-subizzjoni taghha sabiex iwiegeb ghad-domanda tas-socjeta' attrici.

Ikkunsidrat:

Illi l-Qorti tirrileva illi l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament previsti u determinati mill-ligi taht il-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta [ara Artikoli 698(2) u 702(3)]. Minn tali disposizzjonijiet huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghall-kapitolat u ta'

vantagg ghall-parti li pprezentatu. Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni fl-ismijiet **Anthony Borg v. Samwel Veneziani**[1] illi *"din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijiet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."*

Madanakollu, ghalkemm huwa veru li l-kapitoli, meta s-subent ma jkunx wiegeb ghalihom u ma jkunx iggustifika l-omissjoni tieghu li jikkontesta l-kawza formalment, ghandhom jitqiesu bhala konfessjoni, dana ma jfissirx li min hu tenut jiggudika huwa obbligat joqghod dejjem fuq dik il-prezunta konfessjoni. Is-subizzjoni hija mezz ta' prova, u ghandha tigi ezaminata u evalwata flimkien mal-provi l-ohra kollha tal-kawza, b' mod illi, jekk il-kapitoli ma jkunux kombacanti mal-provi l-ohra tal-kawza, u l-gudikant jidhirlu li ghandu jaghti prevalenza lil dawk il-provi l-ohra, l-konfessjoni prezunta derivanti mis-subizzjoni ghandha ccedi quddiem dawk il-provi l-ohra. F'dan is-sens ara d-decizjoni fl-ismijiet **Tabib Dr. Antonio Zammit et v. Francesco Pace et**[2]. In tema, kemm id-duttrina legali kif ukoll il-gurisprudenza, issoktaw jaffermaw, u jikkawtelaw ukoll, illi tali prova wehida mhux necessarjament u bilfors ghandha tiddemostra l-fondatezza tal-pretensjoni tal-parti attrici in kwantu dak l-istat migjub in essere bil-kapitolu ma ghandux ifisser li qed jintroduci derogi ghall-principju tal-piz tal-provi.

Wara li l-Qorti hadet konjizzjoni ta' dan kollu, jirrizulta li t-talba tas-socjeta' attrici hija wahda fondata u li ma tressqet l-ebda prova li b'xi mod turi li dak li intqal minnha m' ghandiex mis-sewwa.

**DECIDE**

[1] Appell Inferjuri, 28 t' April 1998
[2] Prim' Awla, 28 ta' Gunju, 1952

Ghaldaqstant, il-Qorti qieghda taqta u tiddeciedi billi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u konsegwentement tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' sitt elef u hames mitt ewro bl-imghaxxijiet legali kif mitlub sad-data tal-hlas effettiv u bl-ispejjez li ghandhom jithallsu mis-socjeta' konvenuta.

________________________

**Dr. Audrey Demicoli**

**Magistrat**

_________________________

Graziella Abela

Deputat Registratur